MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Numru 1453/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**
**vs**

**SIMON BORG**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Simon Borg ta' 38 sena, bin Victor u Carmelina nee' Gauci Borda, imwielda Sliema, fis-27 ta' Jannar 1969, u li joqghod f' 118 'Tonrit', Paradise Street, St.Paul's Bay. Detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 97569M.

Billi gie akkuzat talli fl-Lulju 2005, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-

istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn LM1,000.00 ghad-dannu ta' Miriam Camilleri detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 641260(M)

(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu, fil-kapacita tieghu bhala prokuratur taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' appropja ruhu minn flejjes migbura liema flejjes jammontaw ghas-somma ta' aktar minn Lm 1, 000, liema flejjes jappartjenu lil Miriam Camilleri u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht it-titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju

(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa' iddikjara li it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda misapproprjazzjoni nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda frodi u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Arthur Azzopardi ghall-imputat, l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa' u Dr. Ian Farrugia ghall-parte civile Miriam Camilleri jiddikjaraw li jaqblu li l-imputat diga' hallas lill-imsemmija parte civile bhala parti mis-somma dovuta lill-istess parte civile da parti tal-imputat rigward din il-kawza is-somma ta' Euro 465.87 u li l-bilanc li l-imputat fadallu jhallas lill-istess parte civile Miriam Camilleri hu ta' Euro 3028.18 rigward din il-kawza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Simon Borg fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u li l-imputat diga' hallas lill-parte civile Miriam Camilleri bhala parti mis-somma dovuta lill-istess parte civile da parti tal-imputat rigward din il-kawza is-somma ta' Euro 465.87 u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Simon Borg ghall-piena ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Simon Borg jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda misapproprjazzjoni, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa’ rigward din it-tieni akkuza u kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qeghda tobbliga lill-imputat Simon Borg li jhallas lill-parte civile Miriam Camilleri fi zmien sitt (6) xhur millum is-somma ta’ tlett elef u tmienja u ghoxrin Euro u tmintax il-centezmi ta’ Euro (Euro 3028.18) bhala bilanc mis-somma li l-imputat fadallu jhallas lill-istess parte civile Miriam Camilleri rigward dan il-kaz.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Simon Borg l-ispjegazzjoni preskritti fis-sub-artikoli 28A(4) u 28(H)(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tordna, a tenur tal-artikolu 382A (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------